StudentBounty.com

DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2011**

Rotta 2

**L-EWWEL SENA** **MALTI** **ĦIN: SAGĦTEJN**

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** ____________

**ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.

2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

**GĦALL-UŻU TAL- GĦALLIEMA**

**SKEMA TA' MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F(i) | F(ii) | Ġ | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 10 | 26 | 4 | 6 | 6 | 10 | 18 | 20 | 100 |
| Marki tal-istudent/a | | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

____________________________________________
____________________________________________
____________________________________________
____________________________________________
____________________________________________
____________________________________________
____________________________________________
____________________________________________
____________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ**

Aqra sewwa din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.

# FID-DEŻERT

Qatt m'għandna niftaħru b'dak li għandna. Hawn min jaħseb li għax għandu l-flus, jista' jagħmel li jrid fid-dinja! Imma mhux hekk, tafux! Din l-istorja ċkejkna se turina kemm dan huwa tabilħaqq minnu. *(par. 1)*



Kien hemm wieħed raġel li kellu ħafna flus. Kien dejjem jiftaħar bil-flus li kellu. "Jien ma jonqosni xejn!" kien dejjem jgħid. "Bil-flus li għandi jien nista' nagħmel li rrid!" *(par. 2)*

Darba waħda dan is-sinjur fettillu jmur jagħmel vjaġġ fid-deżert u ħa miegħu żewġ qaddejja. Matul il-vjaġġ kellu jaqsam deżert kbir. Waqt li kienu qegħdin jaqsmu dan id-deżert, qamet maltempata kbira tar-ramel, u s-sinjur u l-qaddejja tiegħu spiċċaw biex intilfu mill-bqija tan-nies l-oħrajn li kienu marru magħhom fuq dan il-vjaġġ. *(par. 3)*

F'dik ix-xemx tikwi s-sinjur u l-qaddejja tiegħu kienu mejtin bil-għatx, għax ma kellhomx ilma. Lanqas ma kienu jafu fejn qegħdin u ftit kellhom tama li jsibuhom. *(par. 4)*

Wieħed mill-qaddejja qal lil dak is-sinjur: "Int dejjem tiftaħar li bil-flus li għandek tista' tagħmel li trid! Ara ġġibx ftit ilma għax ser immut bil-għatx!" Dak is-sinjur fehem li bil-flus kollha li kellu ma setax iġib l-ilma ħalli jixorbu! *(par. 5)*

(Addattament minn artiklu ta' Charles Casha)

**A. FEHIM IT-TEST** (10 marki)

1. Skont l-ewwel paragrafu, x'jaħseb li jista' jagħmel min għandu l-flus?

_______________________________________________ (1)

2. Fejn mar is-sinjur u lil min ħa miegħu?

_______________________________________________

_______________________________________________ (2)



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

3. X'ġara waqt li kienu qegħdin jaqsmu d-deżert?

______________________________________________________________________

4. Kif spiċċaw is-sinjur u l-qaddejja tiegħu?

______________________________________________________________________ (1)

5. X'kellhom bżonn f'dik ix-xemx tikwi? Għaliex?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

6. X'qallu wieħed mill-qaddejja lis-sinjur?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

7. Ikteb it-tagħlima ta' din l-istorja mill-aħħar paragrafu.

______________________________________________________________________ (1)

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA (26 marka)

### (i) ANALIŻI TESTWALI

1. Il-frażi ***jien ma jonqosni xejn*** *(par. 2)* tfisser:

(a) għandi kollox ____; (b) m'għandi xejn ____; (ċ) ma rrid xejn ____. (1)

2. Li kienu marru magħ***hom*** *(par. 3)*

Għal min qiegħed jirreferi l-pronom ***hom*** fil-kelma magħ***hom***? __________________________ (1)

3. *Kienu mejtin bil-għatx (par. 4)* turina li huma kienu neqsin mill-ilma.

Iva ___________ Le ___________ (1)

4. Sib u ikteb il-verb f'din il-frażi: *dak is-sinjur fehem li bil-flus....(par.5)* __________________ (1)

### (ii) LESSIKU / VOKABULARJU

Mis-silta sib il-kliem li jfisser l-istess bħal:

5. wisq *(par. 2)* ______________________________________

6. kumplament *(par. 3)* ______________________________________

7. taħraq *(par. 4)* ______________________________________

8. sefturi *(par.5)* ______________________________________ (4)

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**(iii) SINTASSI / SENTENZI**

Ikteb f'sentenza waħda mingħajr ma tibdel it-tifsira.

9. Kien hemm wieħed raġel li kellu ħafna flus. Kien dejjem jiftaħar bil-flus li kellu.

__________________________________________________________________

____________________________________________________________ (1)

Għaqqad dawn iż-żewġ sentenzi mingħajr ma tuża ***u***.

10. Darba waħda dan is-sinjur fettillu jmur jagħmel vjaġġ fid-deżert. Ħa miegħu żewġ qaddejja.

__________________________________________________________________

____________________________________________________________ (1)

**(iv) GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

11. Aqsam dan il-kliem f'dawk li fihom il-vokali tal-leħen u dawk li għandhom il-vokali bħala parti mill-kelma.

***importanti; inkompli; iktar; interessanti; infittex; inkun***

| Vokali tal-leħen | Vokali tal-kelma |
|---|---|
| ________________ | ________________ |
| ________________ | ________________ |
| ________________ | ________________ |

(6)

12. Imla l-vojt skont l-għerq mogħti.

(a) Aħna bqajna ( f-t-x ) ____________________ sa tard bil-lejl.

(b) Il-plural ta' bitħa ( b-t-ħ ) huwa ____________________.

(ċ) L-Alpi kważi dejjem miksijin ( s-l-ġ ) ____________________. (3)

13. Oħroġ verb minn dak mogħti fil-parentesi.

(a) Marija ____________________ ( kiteb ) lill-ħabib tagħha.

(b) Is-sena li għaddiet aħna ____________________ ( mar ) Londra.

(ċ) Nhar is-Sibt ____________________ ( sar ) t-tlielaq tal-karozzi. (3)

14. Ikteb il-kelma t-tajba fil-vojt. ( Xbajt, għatba, kbar, bieb)

(a) Aħna noqogħdu ____________________ u ____________________.



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

(b) Dawn il-flettijiet ______________________________ ħafna.

(ċ) _____________________ sal-ponta ta' mnieħri f'dan l-istorbju.

**Ċ. L – ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI** (4 marki)

Imla l-vojt biex tifforma l-**Qawl** jew l-**Idjoma.**

1. Ix-xemx titla' u x- ________________ tinżel għal kulħadd.
2. Bil-qatra l-qatra timtela ________________ .
3. Ħin bla ________________ ħass kollox idur bih.
4. Sar minn kull ________________ meta ra l-karozza ġejja lejh.

**D. ĦILIET FIL – MALTI KOMUNIKATTIV** (6 marki)

Ikteb xi punti biex turi x'tagħmel inti kuljum minn xħin tqum u tmur l-iskola sakemm titlaq mill-iskola kif iddoqq il-qanpiena.

Inqum ____________________________________________________________________

**E. TIFTIX – TRAWWIM KULTURALI – FOLKLOR** (6 marki)

Ikteb tliet (3) sentenzi fuq xi wieħed mis-suġġetti li fittixt dwaru għall-proġett tal-folklor.

Isem tas-suġġett: ____________________________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**F (i) LETTERATURA – POEŻIJA – NADRIET 1** (10

Wieġeb A, B, Ċ

**A.** ***San Franġisk u l-Gamiem*** ta' Ġużè Delia



Kollha daru mar-Raħeb tal-Verna,
Fuq dirgħajh, madwar rasu, m'idejh ...
Rashom ċkejkna jħokkulu ma' wiċċu,
Dik ħarsithom imsammra f'għajnejh!

Il-Qaddis żiegħel bihom, daħkilhom,
Daħka ħelwa ta' mħabba, ta' ferħ,
Rasshom miegħu, ma' sidru, fuq qalbu,
Donnu fihom sab l-hena u s-serħ.

1. Min hu r-Raħeb tal-Verna?

________________________________________________ (1)

2. Fejn marru l-ħlejjaq ċkejknin?

________________________________________________ (1)

3. Ikteb żewġ kelmiet li jirrimaw.

____________________ ____________________ (1)

4. Dawn iż-żewġ strofi jissejħu ______________________________ (1)

**B.** Qabbel billi tagħmel ( ✓ ) fil-kaxxa t-tajba

| | Lil Ommi | Il-Ħolma t'Alla | Tifħira lil Malta |
|---|---|---|---|
| 1. F'din il-poeżija l-poeta jgħidilna li isem Malta jfisser għasel. | | | |
| 2. Il-poeta jixtieq jinsa l-problemi u l-mard. | | | |
| 3. Hawnhekk irridu nirfsu bil-mod, fis-skiet u l-qima. | | | |

(3 marki)



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Ċ. AKTAR NADRIET POETIĊI**

Agħżel poeżija **WAĦDA** mil-lista u ikteb il-ħsieb tagħha.

| |
|---|
| *distanza* ta' Tarċisju Zarb, *Dik Mewġa*! ta' Anastasju Cuschieri, *Raħal Twelidi* ta' Karmenu Vassa<br>*Il-Kebbies Tal-Fanali* ta' Anton Buttigieg, *Xita* ta' Mary Meylak |

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

_______________________________________ (3)

| **F. (ii) LETTERATURA – PROŻA** | (18-il marka) |
|---|---|

**A. STEJJER TAL-LINKA** – Sedqa

Imla l-vojt bi kliem li jagħmel sens.

1. Fi *"L-Istorja tal-Ħmar"*, in-nannu qal lit-tfal li huma jsiru sinjuri meta ________________________________. (1)

2. *"Fl-Istorja ta' Jo"*, niltaqgħu ma' tifla tbati bid-*disleksja*, li għalhekk kienet titgħallem ________________________________. (2)

3. *"L-Aħħar Merill tad-dinja"* telaq minħabba __________________________. (1)

4. *"Buzzy"* kien ________________________________ . (1)

5. Fl-istorja *"L-Iskola"* t-tifla kienet tiddejjaq tmur l-iskola meta jkun temp sabiħ għax kienet tippreferi ________________________________ . (1)

6. *"Jason Grima"* kien joqgħod man- __________________________ . (1)

7. Fl-istorja *"Bil-ħarqa u bil-limousine"* niltaqgħu ma' ______________________ . (1)

8. *"Sunny"* kien tifel li xtaq omm u __________________________ . (1)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**B. ZITO ZANDARELL** ta’ Carmel G. Cauchi

(i) Kompli s-sentenzi

1. Stefan u Melissa ltaqgħu ma’ Zito ______________________________________. (1)
2. It-tifel aljen kien qiegħed jistaħba ______________________________________. (1)
3. Fl-iskola, Zito kien jieħu sehem fit- ______________________________________. (1)
4. Is-Sur Rospo ried ibigħ l-istorja ta’ Zito lil ________________________________. (1)

(ii) Ikteb madwar tletin (30) kelma fuq **wieħed / waħda** minn dawn il-karattri:

**Zito, Stefan, Melissa, Rospo**

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

________________________________________________________________ (5)

| **Ġ. KOMPONIMENT** | (20 marka) |
|---|---|

Ikteb madwar 150 kelma dwar **WIEĦED** minn dawn. Ikteb fuq karta separata.

1. X’inħobb nagħmel fil-ħin liberu tiegħi
2. Ħarġa ma’ sħabi
3. Ġurnata li ma ninsa qatt
4. Film li għoġobni ħafna
5. Dakinhar li mar id-dawl



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers